**Kulleġġ San Tumas More**

**Skejjel Primarji**

**Eżami ta' Nofs is-Sena**

# IR-RELIĠJON

**Ir-Raba' Sena** **Frar 2017** **Ħin: Siegħa u kwart**

**Isem:** ________________________ **Klassi:**____________



| TAQSIMA A | TAQSIMA B | TAQSIMA Ċ | TAQSIMA D | TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| minn 25 | minn 25 | minn 25 | minn 25 | minn 100 |

## TAQSIMA A (25 marka)

## IL-PJAĊIR TA' FLIMKIEN

**A1. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxi. L-ewwel waħda hija eżempju.**

*(11-il marka)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| nirrispetta | esperjenzi | napprezzah | bżonnhom |
| nħalli | ~~nikkollaboraw~~ | jiggwidana | aħjar |
| ħsiebna | jemmen | nittollera | iħoss |

1. Ġesù jridna nirrispettaw u <u>nikkollaboraw</u> ma' xulxin.

2 L-______________________ kollha għandna ____________________ għax jgħinuna nsiru ______________________.

3 Irrid ______________________ u ______________________ lil kulħadd.

4 Nittollera tfisser li ______________________lil kulħadd juri dak li jemmen jew ______________________.

5 Min ______________________ differenti minn dak li nemmen jien għandi nirrispettah u ______________________.

6 Biex insiru nies tajbin irid ikun hemm min jieħu _______________ u ______________________.

**A2. Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ittra tal-bidu qiegħda tingħata.**

**Min kienu l-Evanġelisti?**

*(4 marki)*

L-Evanġelisti kienu:



1. San M____________________
2. San M____________________
3. San L____________________
4. San Ġ____________________

**A3. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju.**

*(10 marki)*

1. Fil-klassi nuri rispett meta (nisraq il-lapes ta' sieħbi, nobdi r-regoli, nitlaq barra mill-klassi mingħajr permess).
2. Biex aħna ngħinu lilna nfusna u lill-oħrajn, aħna rridu (nċedu, nissuppervjaw, ntellfu waqt il-logħob).
3. Min jemmen differenti minn dak li nemmen jien għandi (nwarrbu, niġġieled miegħu, nirrispettah).
4. Kulħadd għandu (t-tajjeb, jfixkel, jissuppervja).

5. Dawk li jieħdu ħsiebi (jħalluni nagħmel li rrid, jagħmluli r-regoli biex ngħix sew, ifixkluni milli ngħix sewwa).
6. Il-Bibbja hija maqsuma (fit-Testment il-Kbir u t-Testment iż-Żgħir, fit-Testment it-Twil u t-Testment il-Qasir, fit-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid).
7. Il-Vanġelu nsibuh fit-Testment (il-Kbir, il-Ġdid, il-Qasir).
8. L-Evanġelisti kienu (tlieta, erbgħa, ħamsa).
9. F'Għid il-Ħamsin, l-Appostli niżel fuqhom (Alla, Ġesù, l-Ispirtu s-Santu).
10. Fuq ras l-Appostli dehru (erba' sħabiet, ilsna tan-nar, l-istilel).
11. L-Appostli ħarġu (jiżfnu, jkantaw, jippritkaw).



## TAQSIMA B (25 marka)

## EJJA NSIRU AĦJAR

**B1. Agħmel ċirku ma' dak il-kliem li jgħin biex il-komunità tagħna tkun waħda ta' għaqda.**

*(8 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| għaqda | maħfra | suppervja | rispett |
| insulti | tgħajjir | parteċipazzjoni | dixxiplina |
| ferħ | tolleranza | kollaborazzjoni | onestà |

**B2. Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb in-numri minn 2 sa 8 fil-kolonna l-vojta tan-nofs. L-ewwel waħda hija eżempju.**

*(7 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Ġesù kien jgħix fil-komunità ta' | | fid-dnub. |
| 2. | Ġesù kien tifel bħalna minbarra | 1 | Nażaret. |
| 3. | L-iktar post importanti f'Nażaret kienet | | ir-Rabbi. |
| 4. | Għal-Lhud is-Sinagoga kienet post ta' | | il-bankijiet. |
| 5. | Il-persuna li tieħu ħsieb is-Sinagoga kienet | | fl-art. |
| 6. | Fis-Sinagoga n-nies importanti kienu jpoġġu fuq | | qima. |
| 7. | Fis-Sinagoga n-nies foqra kienu joqogħdu | | Sibt. |
| 8. | Ġesù kien imur is-Sinagoga kull nhar ta' | | is-Sinagoga. |

**B3. Ikteb 3 kelmiet jew 3 modi ta' kif jiena nista' nuri rispett lejn l-oħrajn. L-ewwel waħda hija eżempju.**

*(3 marki)*

1. Billi nċedi.
2. ______________________________
3. ______________________________
4. ______________________________

**B4. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxa t'hawnhekk. L-ewwel waħda hija lesta.**

*(7 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| ~~komunità~~ | Nsara | Nażaret | reliġjużi |
| Ġesù | Sinagoga | jqimu | M.U.S.E.U.M. |

Ħafna minna jattendu f'xi **komunità.** Fost dawn il-komunitajiet, hemm dawk ______________, bħal ngħidu aħna l-____________. Hawn insiru nafu fuq ______________ u x'nistgħu nagħmlu biex inkunu ______________ tajbin. Ġesù wkoll kien jitgħallem fis-______________ li kienet l-iżjed post importanti f'____________ għax fiha kienu ______________'l Alla.

## TAQSIMA Ċ (25 marka)

## AĦNA MAGĦQUDA FLIMKIEN

*(7 marki)*

**Ċ1. Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb in-numri minn 2 sa 8 fil-kolonna l-vojta tan-nofs. L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Aħna l-Maltin għandna | | lil kulħadd għax f'kull wieħed naraw lilu. |
| 2. | Meta niċċelebraw il-festa sew | | għalhekk għandna nitkellmu miegħu. |
| 3. | Ġesù jrid li aħna napprezzaw | | li għandhom bżonn xi ħaġa. |
| 4. | Iċ-ċkejknin huma dawk | | huwa forma ta' talb. |
| 5. | Alla jħobbna bla qies u | | biex nisma' lil Alla jkellimna. |
| 6. | Għandi nitlob fil-kwiet | | ta' ħafna kliem. |
| 7. | Biex titlob, m'hemmx bżonn | | nuru li aħna Nsara ta' veru. |
| 8. | Il-kant | **1** | affarijiet li jgħaqqduna bħala poplu wieħed. |

## Ċ2. Wieġeb

*(3 marki)*

1. Semmi l-ktieb qaddis tal-

(a) Lhud: ____________________

(b) Insara: ____________________

(ċ) Musulmani: ____________________



2. Liema hi t-talba li għallimna Ġesù stess? *(marka)*

___________________________________

3. Kemm-il darba jitolbu l-Musulmani kuljum? *(marka)*

___________________________________

4. Min qagħad jitlob mill-bogħod? - il-Fariżew jew il-Pubblikan?

___________________________________ *(marka)*

5. Min kien l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M?

___________________________________ *(marka)*

6. Ikteb kif inti tista' tagħmel il-ġid fl-iskola.

(a) ________________________________________ *(marka)*

(b) ________________________________________ *(marka)*

(ċ) ________________________________________ *(marka)*

7. Kif għandu jsir it-talb?

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

**Ċ3. Kompli dan it-talb.**

8. Mulej, nixtieq nirringrazzjak

______________________________________________ *(marka)*

9. Ġesù, aħfirli

______________________________________________ *(marka)*

10. Sinjur Alla, għin

______________________________________________ *(marka)*

**Ċ4. Semmi:**

11. Karatteristika tal-Insara:-

______________________________________________ *(marka)*

12. Karatteristika tal-Lhud:-

______________________________________________ *(marka)*

13. Karatteristika tal-Musulmani:-

______________________________________________ *(marka)*

## TAQSIMA D (25 marka)

## ĦARSU FTIT ’L HEMM

**D1. Qabbel kolonna A ma’ kolonna B billi tikteb in-numri minn 2 sa 8 fil-kolonna l-vojta tan-nofs. L-ewwel waħda hija eżempju.**

*( 7 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Ir-rigali jingħataw minn Befana. | | twieled fl-għar ta’ Betlem. |
| 2. | Ċesri Awgustu ħareġ id-digriet | | l-ewwel li raw lil Ġesù. |
| 3. | Meta joqrob il-Milied | | Ingilterra. |
| 4. | Ir-ragħajja kienu | **1** | Italja. |
| 5. | Mhux kull pajjiż jiċċelebra | | tibda tħoss kullimkien ifur bil-paċi. |
| 6. | Il-Milied jiċċelebrawh fis-sħana ħdejn il-baħar. | | biex Ġużeppi u Marija jinkitbu fiċ-ċensiment. |
| 7. | Santa Klaws oriġina hawn. | | Awstralja. |
| 8. | Ġesù | | din il-festa bl-istess mod. |

**D2. Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Il-fqir u s-sinjur marru tajjeb flimkien.**

Il-Maġi ġew mill-bogħod ħafna meta twieled Ġesù f’Betlehem, u staqsew għas-Sultan tal-Lhud lil Erodi. Il-kewkba li kienu raw mil-Lvant mexxiethom sa fejn it-Tarbija. Inxteħtu wiċċhom fl-art u tawh qima. Imbagħad, ħarġu t-teżori tagħhom… Kienu mwissijin fil-ħolm biex ma jmorrux għand Erodi u reġgħu lejn arthom minn triq oħra. Sal-lum għadna niċċelebraw il-festa tas-Slaten Maġi.

1. Fis-silta hemm miktub li l-Maġi ġew mill-bogħod. Ġew mill-bogħod nirreferu li ġew ______________________.  *(2 marki)*

2. Ikteb 3 AĠĠETTIVI li jiddeskrivu lill-Maġi.

______________ , ______________ u ______________. *(3 marki )*

3. X'kienu t-teżori li s-Slaten Maġi taw lil Ġesù?

______________, ______________ u ______________. *(3 marki)*

4. X'tissejjaħ il-festa tas-Slaten Maġi?

______________________________________________. *(2 marki)*

5. Kieku Ġesù kellu jerġa' jitwieled illum, int x'kont tagħtih bħala rigal u għaliex?

__________________________________________________________

______________________________________________.*( 2 marki)*



D3. Ikteb 3 SENTENZI dwar kif għandi nġib ruħi fil-Milied bħala Nisrani/ja biex nixbah dejjem iżjed lil Ġesù.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ *( 6 marki )*

# TMIEM IL-KARTA